QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 11 TA' JANNAR 2001

Avviz Nru:- 412/98DM

Charlot Gauci
vs

Nazzareno Attard

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' erba mitt lira Maltin (Lm400) skond kif intrabat li jghamel skond skrittura privata datata 24 ta' Lulju, 1995, iffirmata quddiem in-nutar Marthese Felice fejn il-konvenut kien ikkostitwixxa ruhu veru cert u likwidu debitur favur l-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-prezenti u tal-ittra ufficjali mibghuta fit-28 ta' Jannar, 1998 u l-imghax, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Nazzareno Attard fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur peress illi l-konvenut ilu zmien twil li hallas lill-attur l-ammont ta' Lm400 (erba mitt lira maltin ) minnu pretizi fl-avviz
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-konvenut pprezentata fil-15 ta' Gunju 2000

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Billi l-konvenut ma jikkuntestax illi b'iskrittura tal-24 ta' Lulju 1995 kien ikkostitwixxa ruhu bhala debitur tal-attur fis-somma ta' Lm800 (tmien mitt Lira Maltin) u illi kien ghadt baqghalu jghati bilanc ta' Lm400 (erba' mitt Lira Maltin), huwa eccepixxa ghat-talba tal-attur ghal dan il-bilanc, il-hlas tal-istess bilanc.

Ghaldaqstant jispetta lill-istess konvenut illi jgib provi konklussivi biex jipprova dak li qieghed jallega, cioe', li jipprova illi huwa hallas dak li kellhu jghati lill-attur.

Billi il-kostituzzjoni tad-debitu kienet saret b'iskrittura, sahansitra maghmula quddiem nutar, kien mistenni mill-konvenut illi jezigi ircevuta bil-miktub in kwittanza tad-debitu naxxenti mill-istess skrittura.

Izda mill-provi prodotti mill-konvenut jirrizulta illi l-istess konvenut qieghed jallega li huwa ghamel pagament ta' dan id-debitu in kontanti u illi, ghalkemm talab l-ircevuta, l-attur baqa' ma kkunsinjax din l-ircevuta non ostante li sar il-pagament.

Biex jasal ghal din il-prova l-attur ipproduca bhala xhieda lill-ibnu Ashley Attard u lill-marthu Eleonor illi, nonostante illi dawn jikkorraborrawh f'dak kollu li qal il-

konvenut, xorta wahda  ma kwalifikawx bhala xhieda indipendenti u d-deposizzjoni taghhom mhiex bizzejjed u mhiex sufficjenti biex tigi kkunsidrata bhala prova konklussiva tal-hlas ta' dejn naxxenti  minn skrittura privata maghmula quddiem nutar.

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz jhallas lill-attur is-somma mitluba  ta' Lm400 (erba' mitt Lira Maltin) bl-imghax legali b'effett 28 ta' Jannar 1998; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
Civ21